

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 13



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

16 ta' Jannar 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

III *Atti preparatorji*

IL-QORTI TAL-AWDITURI

2013/C 13/01

Opinjoni Nru 9/2012 dwar proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 — (COM(2012) 496 finali — 2011/0276 (COD)) (*skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 287(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*)

1

Prezz:
EUR 3

III

(Atti preparatorji)

IL-QORTI TAL-AWDITURI

OPINJONI Nru 9/2012

dwar proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 — (COM(2012) 496 finali — 2011/0276 (COD))

(skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 287(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)

(2013/C 13/01)

WERREJ

	Paragrafu	Pàġna
Introduzzjoni	1 – 2	2
Osservazzjonijiet ġenerali	3 – 6	2

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5, u 17 u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 174 sa 178, 287(4), it-tieni subparagrafu, 317, 318 u 322 tiegħu;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽¹⁾;

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Parlament għal opinjoni, li waslet għand il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2012;

Wara li kkunsidrat il-proposta għal Regolament emendat ippreżentat mill-Kummissjoni ⁽²⁾;

Wara li kkunsidrat l-Opinjoni Nru 1/2010 tagħha dwar "It-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-Unjoni Ewropea: Riskji u sfidi" ⁽³⁾ u l-Opinjoni Nru 7/2011 tagħha dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeż-

joni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 ⁽⁴⁾;

Billi, skont l-Artikolu 5 TUE, l-Unjoni tiegħu azzjoni foqsa ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tagħha, biss jekk u sa fejn l-oġġettivi tal-azzjoni prevista, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħha jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni;

Billi, skont l-Artikolu 174 TFUE, sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha inġenerali, l-Unjoni għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha;

Billi l-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi (l-Artikolu 17(1) TUE), hija għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jassiguraw li l-appropriazzjonijiet ikunu użati skont il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba (l-Artikolu 317 TFUE),

⁽¹⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽²⁾ COM(2012) 496 finali tal-11 ta' Settembru 2012.

⁽³⁾ <http://eca.europa.eu>

⁽⁴⁾ ĠU C 47, 17.2.2012, p. 1.

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

INTRODUZZJONI

1. Il-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni dwar l-FEŻR, l-FSE, l-FK, l-FAEŻR u l-FEMS u d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jitttrattaw essenzjalment l-adozzjoni tal-Qafas Strateġiku Komuni (QSK).

2. Filwaqt li din l-opinjoni hija limitata għall-proposta emendata tal-Kummissjoni, il-Qorti tixtieq tirreferi b'mod ġenerali għall-Opinjoni Nru 7/2011 tagħha.

OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI

3. Il-proposta emendata tal-Kummissjoni timmodifika l-ambitu tal-QSK u taqşam l-elementi tiegħu bejn anness ġdid (l-Anness I) għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u att iddelegat tal-Kummissjoni. Dan joħloq ir-riskju li tiżdied aktar il-komplessità tal-politika.

4. Il-Qorti tosserva li l-għan tal-QSK ikompli jkun li dan jipprovdi direzzjoni strateġika ċara għall-proċess ta' programazzjoni fil-livell tal-Istati Membri u r-reġjuni (ara l-Premessa 14 u l-Artikoli 2(2) u 10 tal-proposta emendata). Madankollu, b'kuntrast għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, il-QSK mhux se jkompli jikkonverti aktar l-oġettivi tal-Unjoni f'azzjonijiet ewlenin għall-Fondi. Minflok, il-Leġiżlatur, għal kull oġettiv tematiku, jiddelega lill-Kummissjoni l-istabbiliment ta' azzjonijiet indikattivi ta' valur miżjud Ewropew għoli u prinċipji korrispondenti għat-twassil ta' riżultati, u ta' prijoritajiet għall-kooperazzjoni (ara l-Artikoli 11 u 12 tal-proposta emendata).

F'konformità mal-Opinjoni preċedenti tagħha (ara l-paragrafu 8 tal-Opinjoni Nru 7/2011), il-Qorti tikkunsidra li dan fil-fatt jirrapreżenta element ewlieni u deċiżiv tal-iskema futura ta' Koeżjoni. B'riżultat ta' dan, huwa għandu jiġi kkunsidrat bħala element essenzjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE li, skont l-Artikolu 290 TFUE, ma jistax ikun is-suġġett ta' delega ta' setgħa.

5. Il-Qorti tixtieq tfakkar ukoll ir-rakkomandazzjoni tagħha li l-kunċett ta' valur miżjud Ewropew għandu jkun ippronunzjat b'mod ċar f'dikjarazzjoni politika xierqa jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex tingħata gwida lill-awtoritajiet politiċi tal-UE li għandha tintuża meta jkunu qed jintgħażlu l-prijoritajiet tannefqa (ara l-paragrafu 18 tal-Opinjoni Nru 1/2010). L-approvazzjoni tal-qafas legali għall-perjodu 2014-20 tippovdi opportunità favorevoli biex dan isir. Kjarifika bħal din tkun tidher anke aktar importanti jekk tiġi kkonfermata l-intenzjoni li l-Kummissjoni tingħata d-delega li tidentifika l-azzjonijiet ta' valur miżjud Ewropew għoli. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li d-definizzjoni mogħtija mill-proposta emendata (ara l-Artikolu 2(4) tal-proposta emendata) mhijiex ċara biżżejjed fir-rigward tal-kriterji sottostanti li jkunu jippermettu l-għażla ta' azzjonijiet li jagħtu kontribut sinifikanti għall-kisba tal-miri u oġettivi tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u li għandhom jaġixxu bħala punt ta' riferiment fit-tħejija tal-programmi.

6. Barra minn hekk, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-azzjonijiet kollha tal-UE għandhom jinħolqu bl-oġettiv li jipprovdu valur miżjud tal-UE. Ir-referenza għal lista "indikattiva" ta' azzjonijiet (l-Artikolu 12 tal-proposta emendata) tidher li tissuġġerixxi li r-rekwiżit li jitwassal valur miżjud tal-UE huwa sempliċement volontarju.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-13 ta' Diċembru 2012.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

